MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 1/2020 LM

**Joseph Cachia (K.I. numru 744053M)**
*("l-appellant")*

***vs*.**

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul minn **Joseph Cachia (K.I. nru 744053M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellant"] mid-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Diċembru, 2019 numru 454/2019 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mill-Arbitru

għas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċidiet li tiċħad l-appell tiegħu fil-konfront tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellat"], filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tal-imsemmi Direttur Ġenerali appellat tat-3 ta' Frar, 2016, u dan għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat sabiex isir tnaqqis mill-Pensjoni Kontributorja li jirċievi l-appellant, li jirrifletti d-dħul tiegħu minn pensjoni oħra li huwa jirċievi taħt l-iskema implimentata mis-soċjetà GO p.l.c. wara deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Lulju, 2008 mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Francis Paris et *vs.* Maltacom plc u b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2007, l-isem "Maltacom p.l.c." ġie sostitwit bl-isem "GO p.l.c."**[1]

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa proċeduri ta' appell quddiem l-Arbitru fil-25 ta' Frar, 2016, fejn ikkontesta id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat li jnaqqas il-Pensjoni Kontributorja dovuta lilu. Id-Direttur Ġenerali appellat min-naħa tiegħu wieġeb fit-18 ta' Lulju, 2016, fejn spjega li fil-każ odjern kien ġie applikat l-artikolu 56 tal-Kap. 318.

[1] App. Ċiv. (Sup) nru. 480/2002.

## Id-deċiżjoni appellata

4. L-Arbitru waslet għad-deċiżjoni appellata wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

***"Kunsiderazzjonijiet***

*Illi il-pern tal-vertenza hija jekk il-pensjoni li qed tiġi ipperċepita mill-Appellanti in segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, u liema pensjoni qed titħallas mill-GO plc in vista tal-impjieg tal-Appellant mal-kumpanniji/entitajiet predeċessuri tagħha, qabel l-irtirar tiegħu, tikkwalifikax, o meno bħala "pensjoni tas-servizz" ossia* "service pension" *ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi ma hemm l-ebda dubbju illi l-Appellant kien sejjer jiġi imċaħħad minn pensjoni minn min kien iħaddmu u li għaliha kien debitament intitolat. Lanqas ma hemm dubbju illi l-Appellant kellu jingaġġja fi proċeduri twal u elaborati sabiex jakkwista pensjoni minn min kien iħaddmu.*

*Illi madanakollu, il-fatt illi l-Appellanti ġew ikkonfermati bħala persuni intitolati għal pensjoni minn GO plc, u dan, l-Arbitru jissottolinea, wara proċeduri legali twal u kumplessi, ma jfissirx illi l-istess Appellanti huma eżenti mil-liġijiet illi japplikaw dwar rati ta' pensjonijiet.*

*Illi mill-fatti u evidenza sottoposti quddiem l-Arbitru, jidher b'mod ċar illi l-Appellanti ġew inizjalment negati d-dritt ta' pensjoni minn GO plc iżda dan id-dritt ġie kkonfermat mill-Qrati tagħna.*

*Illi jidher ukoll b'mod ċar, illi l-Appellanti ngħataw għażla ta' kif jipperċepixxu ħlas wara l-età ta' irtirar u ċioé, (a) permezz ta'* 'lump sum payment' *jew (b) permezz ta' ħlasijiet f'forma ta' pensjoni.*

*Illi l-Arbitru jikkunsidra illi:*

> *i.* ***F'ittra datata 18 ta' Marzu 2009 maħruġa minn Pricewaterhouse Coopers****, l-iskema ta' pensjoni kienet essenzjalment għażla ppreżentata lill-impjegati, b'dawn tal-aħħar ikollhom għażla bejn* lump sum payment *jew pensjoni. Hekk ukoll, id-Dipartiment, permezz ta' risposta datata 18 ta' Marzu 2009, għamilha ċara ma' Pricewaterhouse Coopers u kkonfermat l-asserzjoni tagħhom fis-sens illi impjegati illi ma jagħżlux* one time lump sum payment, *kienu ser ikollhom pensjoni illi kienet tiġi kkunsidrata bħala* 'service pension'.

*ii. Illi għaldaqstant l-Appellanti kellhom jew seta' kellhom kull opportunità jagħmlu deċiżjoni infurmata dwar il-konsegwenzi tal-għażla tagħhom u kienu, jew prudentement setgħu jkunu konsapevoli illi l-għażla tagħhom ta' pensjoni kienet ser tikkwalifika bħala '*service pension' ergo *l-konsegwenzi tal-istess fuq il-pensjoni ta' irtirar tal-Istat.*

*iii. Illi l-kwalifika tal-ghazla tal-Appellant bħala* 'service pension' *hija ukoll ikkonfermata minn* ***Dr. Matthew Bianchi għan-nom ta' Ganado Advocates li kienu amministraturi tal-iskema. L-amministraturi stess*** *jagħmlu riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li permezz tagħha, l-Appellant ġie kkonfermat bħala persuna intitolata għal pensjoni, u jikkonfermaw ukoll illi tali* 'pension payments' *li kienu qed jingħataw ai termini tad-dritt ikkonfermat fis-sentenza, u li kienu qed jitħallsu lill-impjegati, li deliberatament għażlu li ma jirċevux* lump sum payment, *kienet tikkwalifika bħala* 'service pension'. *Filfatt l-amministraturi stess jikkonfermaw illi* "**such pension payments represent a 'service pension' for the purposes of the Social Security Act"**

*iv. Illi inoltre, qari kawt tas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell tas-7 ta' Lulju 2008** fl-ismijiet Francis Paris et v. Maltacom plc u b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c." ġie sostitwit bl-isem "GO p.l.c.", Appell Superjuri Numru 480/2002 tagħmel riferenza ampja għall-Pensjoni bħala '*Service Pension' *u l-Qorti ripetutament tagħmel riferenza għad-dritt tal-atturi bħala dritt illi jkollhom implimentata a favur tagħhom:*

"Skema ta' Pensjoni għall-atturi kollha a bażi tal-Ftehim li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1975, liema skema għandha titqies li ddaħlet in operazzjoni fl-1 ta' Jannar 1975. L-iskema għandha jkollha bħala l-qafas tagħha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki pattwiti, tkun non-kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni tkun sa massimu ta' żewġ terzi tal-aħħar salarju tal-impjegat ikkonċernat."

*v. Illi fis-sentenza tal-**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Marzu 2011,** reġa' issir riferenza għall-Pensjoni bħala "*pension scheme similar to that operated by the Government" *ossia pensjoni tas-servizz.*

*vi. Illi nonostante illi l-Appellant jagħmel riferenza għall-proċeduri illi kienu qed jittieħdu kontra Malta (liema proċeduri jirrigwardaw pensjoni tas-servizz), l-Arbitru josserva illi filwaqt li l-Appell huwa datat 18 ta' Frar 2016, ftit jiem wara, fit-3 ta' Marzu 2016, il-Qorti (Fourth Chamber) ċaħdet il-proċeduri u kkonfermat illi ma kien l-ebda ksur da parti tar-Repubblika ta' Malta (Każ 12/14). Illi l-proċeduri fis-suċċint huma deskritti bħala s-segwenti:*

> "By its action, the European Commission asks the Court to declare that, by deducting the value of civil-service old-age pensions from other Member States from Maltese old-age pensions, the Republic of Malta has failed to fulfil its obligations under Article 46b of Council Regulation (EEC) No 1408.71 of 14 June 1971 on the application of social security schemes to employed persons, to self-employed persons and to members of their families moving within the Community, as amended and updated by Council Regulation (EC) No 118/97 of 2 December 1996 (OJ 1997 L 28, p. 1), as amended by Regulation (EC No 592/2008 of the European Parliament and of the Council of 17 June 2008 (OJ 2008 L 177, p.1; 'Regulation No 1408/71') and under Article 54 of Regulation (EC) No 883/2004 of the European Parliament and of the Council of 29 April 2004 on the coordination of social security systems (OJ 2004 L 166, p. 1), as amended by Regulation (EU) No 465/2012 of the European Parliament and of the Council of 22 May 2012 (OJ 2012L 149, p. 4; 'Regulation No 883/2004')".

*Tali proċeduri ġew miċħuda, u ġie kkonfermat li ma kien hemm l-ebda ksur tar-Regolamenti relattivi.*

*Illi konsegwentement l-Arbitru huwa marbut bl-Artikolu 56 tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta illi jispeċifika illi:*

*"Meta persuna jkollha dritt għal Pensjoni tas-Servizz li ma tkunx Pensjoni tas-Servizz li ġiet kommutata, f'xi żmien, kollha, kull pensjoni li wieħed jasal għaliha skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 53 sa 55 ta' din it-Taqsima għandha titnaqqas bl-ammont ta' dik il-Pensjoni tas-Servizz."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-23 ta' Jannar, 2020, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis mill-pensjoni taż-żewġ terzi li huwa jirċievi. Huwa jissottometti li qed iħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex: (a) il-pensjoni li huwa kien qed jirċievi mingħand il-GO p.l.c. ma kinitx *"a service pension";* (b) hemm ksur tad-drittijiet

fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

6. L-appellat min-naħa tiegħu wieġeb fis-7 ta' Frar, 2020, fejn filwaqt li ssottometta li l-appell interpost mill-appellant huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt, esprima l-fehma li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li jispjega fit-tweġiba tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

7. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet magħmula mid-Direttur Ġenerali appellat fir-risposta tiegħu, u anki l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirriżultaw fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju*

8. L-appellant jibda billi jsostni li l-pensjoni li huwa jirċievi mingħand GO p.l.c. hija waħda privata, li huwa kkontribwixxa għaliha waqt iż-żmien li huwa kien impjegat tat-Telemalta u kienet tnaqqsitlu l-paga sabiex b'hekk bħala *quid pro quo* huwa kien ingħata din il-pensjoni. Jgħid li d-dibattiti parlamentari ta' dak iż-żmien kienu xhieda ta' dan u huwa ma kien jaqbel xejn li din il-pensjoni

għandha tiġi meqjusa bħala *"a service pension",* kif kien qed isostni d-Dipartiment. Jissottometti li fid-deċiżjoni appellata, l-Arbitru għamel riferiment għall-korrispondenza skambjata bejn id-Dipartiment u GO p.l.c., iżda l-appellant jgħid li dan id-dokument qatt ma nġab a konjizzjoni tiegħu u huwa qatt ma kien parti mill-iskambju ta' korrispondenza ta' bejniethom.

9. Id-Direttur Ġenerali appellat jilqa' billi qabelxejn jispjega l-qafas legali li fuqu huwa kien serraħ id-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk jagħmel riferiment għall-artikolu 44 tat-Taqsima V tal-Kap 318. Jissottometti li fid-dawl tas-sentenzi ta' dawn il-qrati, u hawnhekk jirreferi għas-sentena tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) u dik tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet kif ċitati aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u meħuda wkoll inkonsiderazzjoni il-korrispondenza bejn id-Dipartiment u ż-żewġ amministratturi tal-fondi, huwa kien tal-fehma li l-pensjoni kellha titqies bħala pensjoni tas-servizz *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap. 318 u kellu jiġi applikat l-artikolu 56 tal-istess liġi. Jgħid li l-korrispondenza msemmija tistabbilixxi s-segwenti: (a) skont l-ittra ta' Pricewaterhouse Coopers tas-16 ta' Marzu, 2009, l-iskema ta' pensjoni kienet għażla bejn *lump sum payment* jew pensjoni li ġiet ippreżentata lill-impjegati; (b) fl-ittra responsiva tiegħu tat-18 ta' Marzu, 2009, id-Direttur Ġenerali appellat kien ikkonferma li jekk l-impjegati ma jagħżlux *one time lump sum payment*, il-pensjoni li kienu ser jirċievu kienet ser tiġi kkunsidrata bħala pensjoni tas-servizz; (ċ) fl-ittra ta' Ganado Advocates tas-17 ta' Settembru, 2014 ingħad li *lump sum payments* ma kinux ikkunsidrati bħala pensjoni tas-servizz skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, u min minflok kien ser jagħżel li jirċievi pensjoni, tali pensjoni kienet ser tkun ikkwalifikata bħala pensjoni tas-servizz skont id-definizzjoni li jagħtiha l-Kap. 318. Id-Direttur

Ġenerali appellat jgħid li l-appellant naqas milli jattakka l-provi prodotti quddiem l-Arbitru u issa kien qed jittenta jottjeni eżitu favorevoli billi jqajjem kwistjonijiet ġodda fl-istadju tal-appell meta dan ma kienx permissibbli.

10. L-Arbitru mill-ewwel għarfet li l-pern tal-vertenza bejn il-partijiet huwa jekk il-pensjoni li titħallas mill-GO p.l.c. lill-appellant għandhiex tikkwalifika bħala "pensjoni tas-servizz" *ai termini* tal-artikolu 56 tal-Kap. 318. Hija kkunsidrat is-segwenti: (i) id-Dipartiment fit-18 ta' Marzu, 2009, b'risposta għall-ittra tal-istess data, iddikjara li l-pensjoni li kienu ser jirċievu dawk l-impjegati li ma kinux ser jagħżlu *one time lump sum payment* kienet ser titqies bħala *"service pension";* (ii) l-appellant kellu jew seta' kellu kull opportunità li jieħu deċiżjoni infurmata dwar il-konsegwenzi tal-għażla tiegħu li jirċievi pensjoni minflok li jieħu *one time lump sum payment;* (iii) l-amministraturi tal-iskema stess ikkwalifikaw l-għażla tal-appellant bħala *"service pension"*; (iv) il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Lulju, 2008 fl-ismijiet **Francis Paris et *vs.* Maltacom plc u b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c." ġie sostitwit bl-isem "GO p.l.c."** tagħmel riferiment għall-pensjoni bħala *"service pension"*; (v) fis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tad-29 ta' Marzu, 2011 isir riferiment għal *"pension scheme similar to that operated by the Government";* (vi) fil-proċeduri każ nru 12/14 li kienu ttieħdu kontra Malta kif jirreferi għalihom l-appellant, il-Qorti *(Fourth Chamber)* iddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur mill-Istat tar-regolamenti relattivi.

11. Il-Qorti tqis li l-Arbitru għarfet sew dak li huwa l-qofol tal-vertenza bejn il-partijiet, għaliex din tirrigwarda proprju d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali

appellat li kkunsidra li l-pensjoni li jirċievi l-appellant mingħand is-soċjetà GO p.l.c. għandha tiġi kkonsiderata bħala Pensjoni tas-Servizz *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap. 318. Tikkunsidra li l-aħjar prova dwar kif għandha tiġi kkunsidrata l-pensjoni li jirċievi l-appellant, hija proprju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Francis Paris et *vs.* Maltacom plc u b'digriet tal-21 ta' Diċembru 2007 l-isem "Maltacom p.l.c." ġie sostitwit bl-isem "GO p.l.c."**, li għaliha jsir riferiment mill-partijiet u anki mill-Arbitru. Tqis illi l-Qorti tal-Appell (Superjuri) hemm ikkonfermat dak li qalet fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fejn din kienet stabbilit terminu sabiex tiġi implimentata skema ta' pensjoni u dan billi qalet kif ġej:

> "...tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur millum biex il-konvenuti jimplimentaw skema ta' pensjoni ghall-atturi kollha a bazi tal-ftehim li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1975, liema skema għandha titqies li ddaħlet in operazzjoni fl-1 ta' Jannar, 1975. L-iskema għandha jkollha bħala l-qafas tagħha l-Ordinanza tal-Pensjonijiet (Kap. 93), salv il-modifiki pattwiti, tkun non-kontributorja u bl-ammont tal-pensjoni jkun sa massimu ta' żewġ terzi tal-aħħar salarju tal-impjegat konċernat...".

12. Issa, jirriżulta mhux kontestat il-fatt li dik l-iskema sussegwentement kienet ġiet implimentata u li l-appellant jirċievi l-pensjoni tiegħu minn taħt dik l-iskema. Imma l-Qorti tal-Appell (Superjuri), kif ukoll il-Qorti Ċivili, Prim'Awla qabilha, għamluha ċara li l-iskema kellha jkollha bħala qafas l-Ordinanza tal-Pensjonijiet, għajr għal xi modifiki miftiehma. Il-Qorti tqis li l-provi fir-rigward ta' din l-iskema huma skarsi tassew u għalhekk tikkonsidra li hija għandha tistrieħ għalkollox fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza msemmija sabiex tiġi tiddeċiedi l-vertenza odjerna.

13. Il-Qorti tikkunsidra li l-Ordinanza tal-Pensjonijiet kienet tipprovdi għal pensjonijiet *"...lil kull uffiċjal li għandu kariga pensjonabbli f'Malta u li jkun ilu*

*fis-servizz ta' Malta f'kariga ċivili għal għaxar snin jew iżjed..."*[2], u għalhekk ċertament din il-liġi ma kinitx qiegħda tipprovdi għal pensjonijiet privati. B'hekk il-Qorti ma tistax taċċetta l-pretensjoni tal-appellant li l-pensjoni li huwa jirċievi mingħand il-GO p.l.c. hija wahda privata. Tosserva li l-appellant ukoll naqas milli jissostanzja dan l-argument tiegħu kemm permezz tal-provi, kif ukoll b'argumenti legalment fondati. Għalhekk sewwa ddeċidiet l-Arbitru li għandu jiġi applikat l-artikolu 56 tal-Kap. 318 fil-konfront tal-appellant.

14. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellant ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju*

15. Għal dak li jirrigwarda t-tieni aggravju tal-appellant fejn jissottometti li t-tnaqqis li qed isir mill-pensjoni li huwa jirċievi skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, qed jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Il-Qorti tirrileva li, kif sewwa jissottometti d-Direttur Ġenerali appellat, kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali ma jistgħux jinġiebu quddiem din il-Qorti stante li ma jaqgħux fil-kompetenza tagħha. Għalhekk din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju tal-appellant.

16. F'dan ir-rigward l-appellant għamel ukoll talba għal referenza kostituzzjonali peress li jsostni billi f'dan l-appell qegħdin jitqajmu aggravji li t-

[2] Ara Skeda regolament nru. 2.

tnaqqis tal-pensjoni tal-appellant qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, liema referenza għandha tiddetermina jekk it-teħid inkwistjoni huwiex leżiv tal-imsemmiija drittijiet.

17. Din il-Qorti tqis illi ladarba l-appellant għażel li jressaq il-każ tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) taħt l-artikolu 109 tal-Kap. 318, huwa ma kellux iqajjem kwistjonijiet ta’ indoli kostituzzjonali jew konvenzjonali f’dan il-forum, u jekk tassew ried jilmenta dwar kwistjonijiet ta’ indoli kostituzzjonali u konvenzjonali, huwa jmissu għamel dan billi ressaq kawża kostituzzjonali mill-ewwel, appena ġiet ikkomunikata d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tat-3 ta’ Frar, 2016 u mhux jistenna li jiġi appuntat l-appell aktar minn tliet snin wara. Jekk l-appellant wara l-eżitu ta’ dawn il-proċeduri tal-appell jidhirlu li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant illediet d-drittijiet fundamentali tiegħu, m’hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli tressaq kawża kostituzzjonali biex jattakka dik id-deċiżjoni.

18. Għar-raġunijiet mogħtija, tiċħad it-talba tal-appellant għal referenza kostituzzjonali.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellat tat-3 ta' Frar, 2016.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**